

**Brussell, 7 ta' Ottubru 2022  
(OR. en)**

**13320/22**

**FIN 1045**

**NOTA TA' TRAŻMISSJONI**

---

minn:	Is-Sur Johannes HAHN, Membru tal-Kummissjoni Ewropea
data meta waslet:	7 ta' Ottubru 2022
lil:	Is-Sur Jiří GEORGIEV, President tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Suġġett:	Proposta għat-trasferiment tal-appropriazzjonijiet Nru DEC 21/2022 fit-Taqsimha III - Kummissjoni - tal-baġit ġenerali għall-2022

---

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż id-dokument DEC 21/2022.

Mehmuż: DEC 21/2022



BRUSSELL,

BAĠIT ĠENERALI - 2022  
TAQSIMA III - TITOLU TAL-KUMMISSJONI: 20

TRASFERIMENT TA' APPROPRIJAZZJONIJIET Nru **DEC 21/2022**

---

**MINN**

**KAPITOLU - 2002** Persunal ieħor u nfiq relatat ma' persuni

PARTITA - 20 02 06 01 Spejjeż tal-missjonijiet u tar-rappreżentanzi	Mhux Diff	-4 383 089,00
PARTITA - 20 02 06 02 Laqgħat, gruppi ta' esperti u spejjeż tal-konferenza	Mhux Diff	-4 571 492,00
PARTITA - 20 02 06 03 - Laqgħat tal-kumitati	Mhux Diff	-1 745 419,00

**LEJN**

**KAPITOLU — 2001** Membru, uffiċjal u persunal temporanju

PARTITA — 20 01 02 01 Remunerazzjoni u allowances — Kwartieri ġenerali u uffiċċji ta' Rappreżentanza	Mhux Diff	4 300 000,00
--	-----------	--------------

**KAPITOLU - 2003** Nefqa Operatorja Amministrattiva

PARTITA — 20 03 12 01 Tagħmir tekniku u servizzi għas-swali tal-konferenzi tal-Kummissjoni	Mhux Diff	4 400 000,00
PARTITA – 20 03 13 01 Nefqa għat-traduzzjoni	Mhux Diff	2 000 000,00

## I. TNAQQIS

### I.1

#### a) Intestatura

20 02 06 01 - Spejjeż tal-missjonijiet u tar-rappreżentanzi

#### b) Ċifri fit-03/10/2022

	<b>Mhux Diff</b>
1 Approprijazzjonijiet fil-baġit (Baġit Inizjali + BE)	44 731 640,00
2 Trasferimenti	1 612 229,00
3 Total tal-approprijazzjonijiet għas-sena (1+2)	46 343 869,00
4 Approprijazzjonijiet diġà użati	39 478 293,00
<b>5 Approprijazzjonijiet disponibbli (3-4)</b>	<b>6 865 576,00</b>
<b>6 Tnaqqis propost</b>	<b>4 383 089,00</b>
<b>7 Total tal-approprijazzjonijiet sa tmiem is-sena (5-6)</b>	<b>2 482 487,00</b>
8 Tnaqqis bħala perċentwal tal-approprijazzjonijiet fil-baġit (6/1)	9,80 %
9 Tnaqqis, bħala perċentwal tal-approprijazzjonijiet finali għas-sena, fit-total tat-trasferimenti msemmija fl-Artikolu 30(1)(b) tar-Regolament Finanzjarju	mhux applikabbli

#### c) Dħul minn irkupru (riportat mis-sena preċedenti)

	<b>Mhux Diff</b>
1 Approprijazzjonijiet disponibbli fil-bidu tas-sena	1 134 913,60
2 Approprijazzjonijiet disponibbli fit-03/10/2022	18 836,12
3 Rata ta' implimentazzjoni [(1-2)/1]	98,34 %

#### d) Raġunijiet dettaljati għat-tnaqqis

Fil-mument tat-tnejn u tal-adozzjoni tal-baġit tal-2022, f'it kien hemm ċertezza dwar ir-ritmu li bih setgħu jissoktaw ix-xejriet normali tal-missjonijiet u tar-rappreżentanzi wara t-tifqigħa tal-COVID-19 u r-restrizzjonijiet relatati magħha. Hemm sinjali ċari tal-issoktar tal-attività ġenerali sal-aħħar tas-sena, u l-missjonijiet essenzjali f'ċerti politiki ssuktaw jew saħansitra żdiedu f'xi każijiet.

Madankollu, l-implimentazzjoni preżenti u l-prospetti sa tmiem is-sena fuq daww il-linji baġitarji jifftu l-possibbiltà ta' trasferiment mill-ispejjeż tal-missjonijiet u tar-rappreżentanzi lejn oqsma li jeħtieġu tisħiħ.

## **I.2**

### **a) Intestatura**

**20 02 06 02 - Laqgħat, gruppi ta' esperti u spejjeż tal-konferenza**

### **b) Ċifri fit-03/10/2022**

	<b>Mhux Diff</b>
1 Approprjazzjonijiet fil-baġit (Baġit Inizjali + BE)	17 638 320,00
2 Trasferimenti	-3 838 685,00
3 Total tal-approprjazzjonijiet għas-sena (1+2)	13 799 635,00
4 Approprjazzjonijiet diġà użati	7 078 259,43
<b>5 Approprjazzjonijiet disponibbli (3-4)</b>	<b>6 721 375,57</b>
<b>6 Tnaqqis propost</b>	<b>4 571 492,00</b>
<b>7 Total tal-approprjazzjonijiet sa tmiem is-sena (5-6)</b>	<b>2 149 883,57</b>
8 Tnaqqis bħala perċentwal tal-approprjazzjonijiet fil-baġit (6/1)	25,92 %
9 Tnaqqis, bħala perċentwal tal-approprjazzjonijiet finali għas-sena, fit-total tat-trasferimenti msemmija fl-Artikolu 30(1)(b) tar-Regolament Finanzjarju	mhux applikabbli

### **c) Dħul minn irkupru (riportat mis-sena preċedenti)**

	<b>Mhux Diff</b>
1 Approprjazzjonijiet disponibbli fil-bidu tas-sena	223 745,32
2 Approprjazzjonijiet disponibbli fit-03/10/2022	56 261,20
3 Rata ta' implimentazzjoni [(1-2)/1]	74,85 %

### **d) Raġunijiet dettaljati għat-tnaqqis**

Fil-mument tat-tnejjija u tżal-adozzjoni tal-baġit tal-2022, ftit kien hemm ċertezza dwar ir-ritmu li bih setgħu jissoktaw ix-xejriet ta' laqgħat u konferenzi fiżiċi u/jew ibridi wara t-tifqigħa tal-COVID-19 u r-restrizzjonijiet relatati magħha. Din is-sena hemm sinjali ċari tal-issuktar tal-attività ġenerali, u meta mqabbel mal-2021 ġew organizzati għadd akbar ta' laqgħat u konferenzi ibridi, li wasslu għal implimentazzjoni ta' laqgħat aktar ekoloġiċi u inqas għaljin.

Madankollu, l-implimentazzjoni preżenti u l-prospetti sa tmiem is-sena fuq dawk il-linji baġitarji jifftu l-possibbiltà ta' trasferiment mill-ispejjeż tal-laqgħat, tal-gruppi ta' esperti u tal-konferenzi lejn oqsma li jeħtieġu tishif.

### **I.3**

#### **a) Intestatura**

**20 02 06 03 - Laqgħat tal-Kumitati**

#### **b) Ċifri fit-03/10/2022**

	<b>Mhux Diff</b>
1 Approprjazzjonijiet fil-baġit (Baġit Inizjali + BE)	7 980 000,00
2 Trasferimenti	-2 672 556,00
3 Total tal-approprjazzjonijiet għas-sena (1+2)	5 307 444,00
4 Approprjazzjonijiet diġà użati	3 048 678,00
<b>5 Approprjazzjonijiet disponibbli (3-4)</b>	<b>2 258 766,00</b>
<b>6 Tnaqqis propost</b>	<b>1 745 419,00</b>
<b>7 Total tal-approprjazzjonijiet sa tmiem is-sena (5-6)</b>	<b>513 347,00</b>
8 Tnaqqis bħala perċentwal tal-approprjazzjonijiet fil-baġit (6/1)	21,87 %
9 Tnaqqis, bħala perċentwal tal-approprjazzjonijiet finali għas-sena, fit-total tat-trasferimenti msemmija fl-Artikolu 30(1)(b) tar-Regolament Finanzjarju	mhux applikabbli

#### **c) Dħul minn irkupru (riportat mis-sena preċedenti)**

	<b>Mhux Diff</b>
1 Approprjazzjonijiet disponibbli fil-bidu tas-sena	1 405,44
2 Approprjazzjonijiet disponibbli fit-03/10/2022	904,23
3 Rata ta' implimentazzjoni [(1-2)/1]	35,66 %

#### **d) Raġunijiet dettaljati għat-tnaqqis**

Fil-mument tat-tnejn u tal-adozzjoni tal-baġit tal-2022, ftit kien hemm ċertezza dwar ir-ritmu li bih setgħu jissoktaw ix-xejriet ta' laqgħat tal-kumitati fiżiċi u/jew ibridi wara t-tifqigħa tal-COVID-19 u r-restrizzjonijiet relatati magħha. Din is-sena hemm sinjali ċari tal-issoktar tal-attività ġenerali, u meta mqabbel mal-2021 ġew organizzati għadd akbar ta' laqgħat tal-kumitati ibridi, li wassal għall-implimentazzjoni ta' laqgħat aktar ekoloġiċi u inqas għaljin.

Madankollu, l-implimentazzjoni preżenti u l-prospetti sa tmiem is-sena fuq dawk il-linji baġitarji jifftu l-possibbiltà ta' trasferiment mill-ispejjeż tal-laqgħat tal-kumitati lejn oqsma li jeħtieġu tisħiħ.

## II. ŻIEDA

### II.1

#### a) Intestatura

**20 01 02 01 - Remunerazzjoni u allowances — Kwartieri ġenerali u uffiċċji ta' Rappreżentanza**

#### b) Ċifri fit-03/10/2022

	<b>Mhux Diff</b>
1 Approprjazzjonijiet fil-baġit (Baġit Inizjali + BE)	2 304 857 000,00
2 Trasferimenti	0,00
3 Total tal-approprjazzjonijiet għas-sena (1+2)	2 304 857 000,00
4 Approprjazzjonijiet diġà użati	2 017 329 000,00
<b>5 Approprjazzjonijiet disponibbli (3-4)</b>	<b>287 528 000,00</b>
<b>6 Żieda mitluba</b>	<b>4 300 000,00</b>
<b>7 Total tal-approprjazzjonijiet sa tmiem is-sena (5+6)</b>	<b>291 828 000,00</b>
8 Żieda bħala perċentwal tal-approprjazzjonijiet fil-baġit (6/1)	0,19 %
9 Żieda, bħala perċentwal tal-approprjazzjonijiet finali għas-sena, fit-total tat-trasferimenti msemmija fl-Artikolu 30(1)(b) tar-Regolament Finanzjarju	mhux applikabbli

#### c) Dħul minn irkupru (riportat mis-sena preċedenti)

	<b>Mhux Diff</b>
1 Approprjazzjonijiet disponibbli fil-bidu tas-sena	31 674 667,86
2 Approprjazzjonijiet disponibbli fit-03/10/2022	0,00
3 Rata ta' implimentazzjoni $[(1-2)/1]$	100,00 %

#### d) Raġunijiet dettaljati għaż-żieda

L-approprjazzjonijiet addizzjonali huma mmirati biex ikopru parti mill-aġġornament mistenni tas-salarji għall-2022, flimkien mal-ammont mitlub fl-ABE 5/2022 (EUR 11,7 miljun).

F'konformità mal-Artikoli 64 u 65 tar-Regolamenti tal-Persunal, ir-remunerazzjoni tal-uffiċjali u ta' aġenti oħra tal-Unjoni Ewropea hija aġġornata kull sena, fid-dawl ta' rapport ippreżentat mill-Kummissjoni, abbażi ta' *data* statistika mħejjija mill-Eurostat bi qbil mal-uffiċċji nazzjonali tal-istatistika tal-Istati Membri, li jirriflettu s-sitwazzjoni fl-Istati Membri fl-1 ta' Lulju.

Il-kalkolu tal-aġġornament huwa bbażat fuq il-prinċipju ta' paralleliżmu bejn l-evoluzzjoni tar-remunerazzjoni reali (netta mill-inflazzjoni) tal-uffiċjali tal-UE u tal-impjegati nazzjonali taċ-ċivil tal-Istati Membri. Dan jirrifletti l-effett kombinat ta' żewġ varjabbli:

1) L-evoluzzjoni annwali tas-salarji reali tal-impjegati taċ-ċivil fil-gvernijiet ċentrali ta' kampjun ta' għaxar Stati Membri li jirrappreżentaw aktar minn 75 % tal-PDG tal-Unjoni.

2) L-inflazzjoni annwali fi Brussell u fil-Lussemburgu kkalkulata bil-ponderazzjoni tal-inflazzjoni nazzjonali tal-prezzijiet tal-konsumatur kif imkejla mill-HICP Belġjan u s-CPI Lussemburgiż skont id-distribuzzjoni tal-persunal tal-UE li jservi f'dawk l-Istati Membri.

Fil-baġit tal-2022, ir-rata ta' aġġornament tas-salarji prevista li għandha tiġi applikata b'mod retroattiv mill-1 ta' Lulju 2022 kienet ta' 2,5 % (impatt ta' sitt xhur). Din ir-rata ġiet ikkalkulata mis-servizzi tal-Kummissjoni f'Novembru 2021, abbażi tal-evoluzzjoni stmata tal-kapaċità tal-akkwist u l-għoli tal-ħajja għall-perjodu ta' referenza (1.7.2021–30.6.2022), skont il-metodu preskritt fir-Regolamenti tal-Persunal.

F'konformità mad-dispożizzjonijiet stabbiliti fl-Anness XI tar-Regolamenti tal-Persunal, ir-rapport tal-Eurostat għall-eżerċizzju attwali se jinħareġ fil-31 ta' Ottubru, u se jistabbilixxi l-aġġustament tar-remunerazzjoni netta nominali tal-

uffiċjali tal-UE fi Brussell u l-Lussemburgu b'effett minn Lulju 2022. L-aġġustament se jkun meħtieġ biex jinżamm żvilupp parallel tal-kapaċità tal-akkwist mal-ħaddiema taċ-ċivil fl-Istati Membri.

Filwaqt li r-rapport tal-Kummissjoni lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew se jiġi adottat f'Novembru, huwa xieraq li s-sitwazzjoni tiġi riveduta, u mingħajr preġudizzju għal dak ir-rapport finali, il-probabbiltà ta' aġġornament tas-salarji ogħla minn dak użat biex jiġi stabbilit il-baġit tal-2022 hija għolja. B'mod partikolari, il-miżura uffiċjali ppubblikata tal-inflazzjoni fil-Belġju u fil-Lussemburgu għall-perjodu rilevanti hija ferm ogħla minn dik prevista oriġinarjament (8,6 %). Fl-istess waqt, huwa stmat li l-kapaċità tal-akkwist fl-10 Stati Membri ta' referenza se tonqos b' -3,9 %. Barra minn hekk, skont l-aħħar projezzjonijiet ekonomiċi, huwa stmat li fl-2022 il-PDG tal-UE se jilħaq il-livell ta' "qabel il-kriżi" tal-2019, u b'hekk tiskatta t-tneħħija tal-aġġornament "sospiż" tal-2020 tal-kapaċità tal-akkwist ta' 2,5 %, f'konformità mal-Artikolu 11 tal-Anness XI tar-Regolament tal-Persunal. Barra minn hekk, l-aġġornament intermedju tas-salarji u l-pensjonijiet ta' 2,4 % wassal għal nefqa addizzjonali għall-ewwel sitt xhur tal-2022, li ma kinitx ġiet inkluża fil-baġit tal-2022.

Peress li ż-żmien tar-rapport huwa stabbilit b'mod ċar fl-Anness XI tar-Regolamenti tal-Persunal fl-aħħar ta' Ottubru, jidher prudenti li l-approprijazzjonijiet baġitarji relatati mas-salarji diġà jiżdedu bil-ħsieb li tiġi koperta parti mill-ħtiġijiet pendenti għas-salarji tal-uffiċjali u tal-aġenti temporanji sa tmiem l-2022.

## II.2

### a) Intestatura

20 03 12 01 - Tagħmir tekniku u servizzi għas-swali tal-konferenzi tal-Kummissjoni

### b) Ċifri fit-03/10/2022

	<b>Mhux Diff</b>
1 Approprjazzjonijiet fil-baġit (Baġit Inizjali + BE)	5 000 000,00
2 Trasferimenti	0,00
3 Total tal-appropriazzjonijiet għas-sena (1+2)	5 000 000,00
4 Approprjazzjonijiet diġà użati	3 103 674,50
<b>5 Approprjazzjonijiet disponibbli (3-4)</b>	<b>1 896 325,50</b>
<b>6 Żieda mitluba</b>	<b>4 400 000,00</b>
<b>7 Total tal-appropriazzjonijiet sa tmiem is-sena (5+6)</b>	<b>6 296 325,50</b>
8 Żieda bħala perċentwal tal-appropriazzjonijiet fil-baġit (6/1)	88,00 %
9 Żieda, bħala perċentwal tal-appropriazzjonijiet finali għas-sena, fit-total tat-trasferimenti msemmija fl-Artikolu 30(1)(b) tar-Regolament Finanzjarju	mhux applikabbli

### c) Dħul minn irkupru (riportat mis-sena preċedenti)

	<b>Mhux Diff</b>
1 Approprjazzjonijiet disponibbli fil-bidu tas-sena	2 358 760,17
2 Approprjazzjonijiet disponibbli fit-03/10/2022	167,66
3 Rata ta' implimentazzjoni [(1-2)/1]	99,99 %

### d) Raġunijiet dettaljati għaż-żieda

Il-Kummissjoni qed issegwi l-introduzzjoni tal-Istrateġija Korporattiva aġġornata għar-rinnovazzjoni u l-ġestjoni tal-ispazji għal-laqqgħat tal-Kummissjoni kif kien ġie approvat lejn tmiem l-2021. It-tiġid tal-baġit li ntab, b'EUR 3,5 miljun, jippermetti lid-DG SCIC jiffinanzja r-rinnovazzjoni ta' għadd ta' spazji għal-laqqgħat għal diversi DG tal-Kummissjoni, u b'hekk jottimizza l-użu tal-bini u jippermetti laqqgħat ibridi fil-kmamar rinnovati kollha. Dan it-tiġid se jiffinanzja wkoll it-tiġid meħtieġ fil-kwalità tal-ħoss fil-kmamar tal-laqqgħat mgħammra b'faċilitajiet ta' interpretazzjoni fi Brussell, sabiex jiġu allinjati mar-rekwiżiti applikabbli tal-istandard ISO għat-twassil tal-interpretazzjoni anke permezz ta' pjattaformi diġitali, u biex isiru laqqgħat ibridi ma' parteċipanti remoti. L-interpretazzjoni remota permezz ta' pjattaformi diġitali qed tintuża dejjem aktar peress li tnaqqas il-ħtieġa li l-interpreti jivjaġġaw (u l-baġit relatat tal-missjoni), l-impronta tal-karbonju tal-Kummissjoni, u l-ispejjeż tal-ivvjaġġar għall-partiċipanti u d-delegati.

Barra minn hekk, qed jintalab ammont ta' EUR 650 000 biex ikopri proġett prijoritarju għall-ħolqien ta' "kamra sigura" speċjali fil-bini Berlaymont fi Brussell biex tintuża għal laqqgħat sensitivi tal-President u tal-membri tal-Kulleġġ.

Fil-aħħar nett, biex tiġi żgurata komunikazzjoni mtejba u bla xkiel maċ-ċittadini u l-media, hemm ħtieġa urġenti li l-projetturi jiġu sostitwiti bi skrin fuq il-ħajt tal-kamra tas-sala stampa fil-bini Berlaymont fi Brussell (EUR 250 000). L-urġenza ta' din il-ħtieġa hija dovuta għaċ-ċiklu tal-ħajja normali tat-tagħmir attwali u għad-dewmien sinifikanti (bejn 6 u 9 xhur) fil-kunsinna tat-tagħmir awdjoviżiv il-ġdid.

## II.3

### a) Intestatura

20 03 13 01 - Nefqa għat-traduzzjoni

### b) Ċifri fit-03/10/2022

	<b>Mhux Diff</b>
1 Approprjazzjonijiet fil-baġit (Baġit Inizjali + BE)	13 000 000,00
2 Trasferimenti	3 000 000,00
3 Total tal-appropriazzjonijiet għas-sena (1+2)	16 000 000,00
4 Approprjazzjonijiet diġà użati	16 000 000,00
<b>5 Approprjazzjonijiet disponibbli (3-4)</b>	<b>0,00</b>
<b>6 Żieda mitluba</b>	<b>2 000 000,00</b>
<b>7 Total tal-appropriazzjonijiet sa tmiem is-sena (5+6)</b>	<b>2 000 000,00</b>
8 Żieda bħala perċentwal tal-appropriazzjonijiet fil-baġit (6/1)	15,38 %
9 Żieda, bħala perċentwal tal-appropriazzjonijiet finali għas-sena, fit-total tat-trasferimenti msemmija fl-Artikolu 30(1)(b) tar-Regolament Finanzjarju	mhux applikabbli

### c) Dħul minn irkupru (riportat mis-sena preċedenti)

	<b>Mhux Diff</b>
1 Approprjazzjonijiet disponibbli fil-bidu tas-sena	436 851,37
2 Approprjazzjonijiet disponibbli fit-03/10/2022	0,00
3 Rata ta' implimentazzjoni [(1-2)/1]	100,00 %

### d) Raġunijiet dettaljati għaż-żieda

Il-Kummissjoni kellha taġġusta l-previżjoni tal-produzzjoni tagħha għal 2,7 miljun paġna għall-2022. Nantiċipaw li 1.65 miljun paġna minn din il-produzzjoni totali se jiġu tradotti internament mid-DGT (madwar 61 %), u madwar 39 % biss se jiġu esternalizzati. Bħalissa qed niffaċċjaw żieda mhux mistennija ta' 6,8 % fil-prezzijiet tal-esternalizzazzjoni minbarra ż-żieda diġà prevista ta' 2 %. Dan jirriżulta ta' żidiet globali ta' 8,8 % fil-prezzijiet għat-traduzzjoni esterna minħabba l-adattament awtomatiku għal rata ta' inflazzjoni li qed tiżdied. It-traduzzjonijiet huma primarjament indirizzati mit-tradutturi uffiċjali tal-Kummissjoni, u diġà jagħtu riżultati fil-kapaċità sħiħa tagħhom — lil hinn minn dan, it-traduzzjonijiet jiġu esternalizzati. Bħalissa, għadha għaddejja t-traduzzjoni ta' fajls voluminużi u huma mistennija talbiet ġodda, bħaż-żieda tal-eżerċizzju tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza mas-Semestru Ewropew. L-ammont ta' xogħol eċċezzjonali għandu jittqies fil-kuntest tal-ogħla domanda tradizzjonali mistennija għat-traduzzjonijiet matul il-ħarifa. L-appropriazzjonijiet eżistenti għall-esternalizzazzjoni tat-traduzzjoni mhumiex biżżejjed biex ikopru n-nefqa prevista sa tmiem is-sena li teħtieġ tisħiħ ta' EUR 2 miljun tal-linja baġitarja għat-traduzzjoni esterna.

